**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 881/2024 MS*

**Island Resorts Company Limited**

**Vs.**

**Meeting Point Malta Limited**

Illum, 14 t'Ottubru, 2024

Kawża Numru:

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fid-9 t'Awwissu 2024 li bih wara li ppremettiet hekk:

> Illi l-kumpanija rikorrenti hija s-sid u topera l-lukanda 'Soreda Hotel' li tinsab fi Triq Andrew Cunnigham, il-Qawra;

Illi l-kumpanija intimata hija operatrici turistika illi ilha ghal diversi snin klijenta tal-kumpanija rikorrenti;

Illi *inter alia*, il-kumpanija intimata tordna u tixtri f'isimha minghand il-kumpanija rikorrenti, l-akkommodazzjoni fl-istess lukanda principarjament ghall-klijenti taghha li jzuru pajjizna;

Illi l-kumpanija rikorrenti effettivament pprovdit servizzi ta' akkomodazzjoni lill-kumpanija intimata liema servizzi gew fatturati b'mod regolari bhal ma jirrizulta mill-anness prospett immarkat "**DOK R-001**" izda sal-lum il-kumpanija intimata hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tliet Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€26,503.22) kif jirrizulta mill-imsemmi prospett;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet sabiex jithallas l-ammont dovut, il-kumpanija intimata baqgħet inadempjenti u dan l-ammont għadu dovut sad-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf;

Illi għalhekk kellhom jinfetħu dawn il-proċeduri;

Illi r-rikorrent nomine taf personalment bil-fatti hawn dikjarati li qed jiġu minnha kkonfermati bil-ġurament.

l-attriċi għaddiet biex titlob lil din il-Qorti, prevja li tagħti l-provvedimenti kollha opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-kumpanija intimata hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tliet Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€26,503.22) rapprezentanti l-prezz ta' akkomodazzjoni illi l-kumpanija intimata xtrat minghand il-kumpanija rikorrenti principarjament ghall-klijenti taghha li jzuru pajjizna;

2. Tikkundanna lill-kumpanija intimata thallas is-somma ta' sitta u ghoxrin elf hames mija u tliet Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€26,503.22) lill-kumpanija rikorrenti bl-imghax legali dekorribbli mill-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena.

Bl-ispejjez.

Il-kumpanija intimata hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni taghha.

> B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-kumpanija rikorrenti.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fil-11 t'Ottubru 2024, li biha din eċċepiet hekk:

> Illi preliminarjament s-soċjetà esponenti ġġib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li hija tinsab għaddejja minn proċeduri għall-istralċ, rikors numru 70/2024 ISB, liema waslu fi stadju li jinħatar likwidatur;
>
> Illi f'kull każ is-soċjetà rikorrenti trid iġġib prova tas-servizzi reżi u tipprova l-ammont allegatament dovut;
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont kif tippermetti l-liġi.

3. Rat illi fl-udjenza tal-14 t'Ottubru 2024, l-attriċi rriduċiet is-sorti pretiż minnha għas-somma ta' €23,115.14, oltre l-imgħax u l-ispejjeż;

4. Rat illi l-konvenuta fl-istess udjenza, filwaqt li rriferiet għall-proċeduri ta' stralċ imsemmija fir-risposta ġuramentata tagħha, ammettiet l-ammont kif ridott;

5. Rat li l-kawża ġiet posposta għal aktar tard illum stess sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

6. Illi l-konvenuta, li ammettiet it-talbiet tal-attriċi kif ridotti, ma jidhirx li ressqet talba taħt l-artikolu 220 tal-Att dwar il-Kumpaniji u għalhekk m'hemmx xkiel għall-prosegwiment ta' din il-kawża;

7. Illi fuq ammissjoni tal-konvenuta, t-talbiet tal-attriċi kif ridotti qed jitqiesu ġustifikati.

8. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

    (i) tiddikjara illi l-konvenuta hija debitriċi tal-attriċi fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf mija u ħmistax-il Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€23,115.14) rappreżentanti l-

prezz ta' akkomodazzjoni illi l-konvenuta xtrat mingħand l-attriċi prinċiparjament għall-klijenti tagħha li jżuru pajjiżna;

(ii) tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' tlieta u għoxrin elf mija u ħmistax-il Ewro u erbatax-il ċenteżmu (€23,115.14) lill-attriċi bl-imgħax legali dekorribbli mill-preżentata tar-rikors maħluf sad-data tal-pagament effettiv bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena;

(iii) tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur